Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Devoluzzjonijiet
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 2.5 din trid tkun Duck's Village.

1.2 Is-Sindku semma li fejn hemm id-Ducks Village hemm bżonn li dan nirranġawh. Huwa semma li għandan bżonn inkellmu lil dak li jieħu ħsiebu biex jieħu ħsieb jirranġah.

1.3 Fuq il-punt tal-inċident is-Sindku semma li kien hemm persuna li kienet avviċinatu ħin qabel il-laqgħa preċedenti li kienet semmietlu li kien se jsir inċident fi Triq Edgar Bernard fejn kien se jittajjar tifel. Dan il-każ kien fejn Muscat Motors.

1.4 Il-Kunsilliera Schembri qalet li fuq l-attivita tal-Karnival hija ma kinitx kontra li dawn li tellgħu l-attivita jingħataw l-għajnuna. Hija qalet li kieku l-attivita saret post ieħor ma kinex ikollha oġġezzjoni. L-oġġezzjoni saret minħabba l-post konċernat.

1.5 Il-Viċi Sindku semma li punt 4.20 ma kienx jinftiehem. Kien hemm qbiel biex dan jitneħħa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Parkeġġ**

3.1 Is-Sindku semma li jrid isir traffic management.

3.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq Triq Ponsomby. Is-Sindku qal li huwa kien diġa avviċinat fejn kien hemm opinjonijiet differenti minn kien favur u minn kien kontra. Huwa semma li l-idea kienet li jsir herring bone parking li jintuża filgħaxija u matul il-ġurnata it-Triq issir two way.

3.3 Is-Sindku semma li l-problema tkun biex jipparkjaw matul il-lejl f' din it-Triq.

3.4 Il-Kunsillier Hewitt semma li hawn irid isir impact assessment qabel ma titwettaq din is-sistema.

3.5 Is-Sindku semma li sar studju fuq Triq Edgar Bernard fejn instab li meta jsir herring bone parking hawnhekk se jintrebħu 40 parking ġdid.

3.6 Il-Kunsillier Hewitt semma li nistgħu nużaw il-każ ta Triq Edgar Bernard bħala proġett pilota li jekk dan jirnexxi napplikkawh f' postijiet oħra.

3.7 Il-Kunsilliera qablu li jsir il-parkeġġ b' dan il-mod.

3.8 Is-Sindku semma li huwa ried idawwar il-parkeġġ għall Triq Ġuże Miceli minħabba l-Iskola.

3.9 Il-Kunsillier Galea semma jekk tinħoloqx problema minħabba l-parkeġġ hawnhekk fuq l-Iskola. Is-Sindku qallu li l-aħjar jekk imorru fil-post jaraw.

3.10 Is-Sindku semma li l-bus shelter li kien hemm fi Triq d' Argens dan kien tneħħa.

**Bye Law Kostruzzjoni**

3.11 Is-Sindku semma li trid issir Bye Law fuq il-kostruzzjoni fejn għandu x' jaqsam ma dawk il-każijiet fejn jinkisru r-regolamenti.

3.12 Il-Kunsillier Hewitt semma li hemm diversi entitajiet li jistgħu jagħtu sehem fit-tfassil ta dil-Bye Law. Huwa qal li nistgħu niltaqgħu magħhom u jagħtu l-opinjoni tagħhom. Huwa semma li kemm il-darba jkun hemm każijiet fejn ikun hemm min jaħdem u warajhom iħallu l-ħmieġ. Huwa qal li rridu ndaħħlu kundizzjonijiet fil-Bye Law stess biex dawn ikunu rinforżati.

3.13 Il-Kunsillier Hewitt semma li l-Gżira tinsab taħt it-tall building scheme u li għalhekk tajjeb li naraw x' income jista jkollu l-Kunsill minn dawn.

3.14 Is-Sindku semma li darba li jsiru l-kundizzjonijiet mal-permessi dawn ikunu imniżżlin mal-permess u minn japplikka jingħatawlu bil-miktub.

**Proposti għall Gżira**

3.15 Is-Sindku semma li kien avviċinat minn Jenny Stivala biex fil-Gżira ikun hemm car booth sale. Huwa semma li dan jiġbed ħafna nies u li jista jsir fil-ground jew inkella fejn hemm il-Front.

3.16 Is-Sindku semma wkoll li kien hemm persuna li tkellem magħha li xtaqet issib post minn fejn tagħmel il-helicopter tours għall Għawdex. Huwa qal li din il-proposta kienet tajba għax tista tħalli introjtu tajjeb lill-Kunsill Lokali imma qabel irridu nitkellmu mat-Tranport Malta dwar fejn jista jsir il-landing. Huwa qal li b' dan il-mod nistgħu niġbdu aktar investiment lejn il-Gżira bħall kif sar dan l-aħħar bil-bankijiet li saru Tas-Sliema.

3.17 Is-Sindku qal li dan se jkun qed jagħmel il-projections fuq dan il-proġett u jgħaddihom lilna.

3.18 Il-Viċi Sindku semma li bħala landing fejn il-ground ikun tajjeb.

3.19 Il-Kunsillier Galea qal li dan jista jagħmel il-landing fejn hemm id-dgħajjes ta' bejn il-Gżira u Manoel Island. Huwa semma li nkellmu lil tal-papri fuq il-kwistjoni li dan mhux qed iħalli l-post nadif u jekk dan ma jaċċettax li jagħti l-attenzjoni nużaw parti mis-cement li hemm mal-ġenb.

3.20 Is-Sindku semma li dan kulma jkollu bżonn huwa helipad żgħir.

**Il-Kunsilliera Schembri u l-Kunsillier Cardona avżaw lis-Sindku biex jiskużahom fis-7.30 pm.**

## 4 PROGRESS

### Tenders

4.1 Il-Kunsillier Hewitt qal li huwa innotta li t-tenders kollha li huwa kien irrefera għalihom kienu ġew ippubblikatti kollha.

4.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq it-tender tal-knies. Is-Sindku semma li dan kien każ differenti.

4.3 Is-Sindku semma li kien se jsir meeting nhar il-Ħamis fis-2.00 pm, mal-Onor. Bountempo u d-Direttur tal-Cleansing fuq il-każ u jekk ma jkunx hemm meżż kif dan is-servizz jingħata mill-Cleansing jinħareġ it-tender.

4.4 Is-Sindku semma li fil każ tal-kollettur tal-iskart il-kuntratt se jsir li jibda minn Mejju. Dan se jsir peress li minn naħa tal-Greenpak se ssir kampanja biex jedukaw lin-nies fuq il-ħin tal-ġbir tal-iskart.

4.5 Is-Sindku semma li riċentament kien hemm suspett li qed jintefa skart ta' stabilimenti oħra ma dak tal-lokalita u tlabna lill-Wasteserv biex tindaga aktar.

4.6 Is-Sindku semma li se ssir kundizzjoni fil-kuntratt li jekk il-kuntrattur jinqaba iħallat l-iskart dan jitlef il-kuntratt mill-ewwel.

4.7 Is-Sindku semma li f' Mejju wkoll l-iskart jibda jinġabar filgħaxija.

4.8 Il-Viċi Sindku saqsa x se jiġri minn dawk il-ħwienet li joħorġu l-borża tagħhom filgħaxija.

4.9 Is-Sindku semma li nistgħu naraw barra minn Malta xi jsir u nimxu minn hemm.

### Ħaddiema tal-Kunsill

4.10 Is-Sindku semma li rigward il-ħaddiema kienet ħarġet il-call fost il-Kunsilli fejn kien hemm persuna waħda li applikkat. Huwa semma li l-Kunsill huwa intitolat biex ikollu tlett persuni oħra minn kemm għandu bħalissa.

4.11 Huwa semma li fuq l-applikazzjoni li kien hemm ikun hemm intervista nhar il-Ħamis fil-5.00 pm.

4.12 Fir-rigward tas-Sinjura. Vella is-Sindku qal li din kienet diġa mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-Kunsill u kellha għalhekk intervista l-Fgura.

**Proġett tax-Xatt**

4.13 Is-Sindku semma li kien iltaqa ma persuni minn naħa tat-Transport Malta fejn infurmawh li hemm proġett ippjanat biex tkun żvillupata l-yacht marina kompletament. Dan il-proġett se jkun qed jinkludi anki l-parti fejn il-Kunsill bħalissa għandu l-Ġnien.

4.14 Is-Sindku semma li dan m' għandux joħloq oġġezzjoni għall dawk l-istabilimenti li hemm fil-madwar. Huwa semma li minn qabel ma jinbeda x-xogħol iridu jkunu ikkomunikati l-obbligi tal-Kunsill sabiex dawn jitħarsu.

4.15 Is-Sindku semma li jekk il-Kunsill ikun se jagħmel il-Bandli dan ifisser li se jerġgħu jinqalgħu. Huwa semma li l-aħjar nitolbu għall time frame meta se jsir il-proġett biex jekk dan ikun se jsir fil-bogħod il-Kunsill jipprovdi biex ikun hemm bandli imwaħħla temporanji.

4.16 Is-Sindku semma li huwa minn naħa tiegħu se jżomm lill-Kunsilliera infurmati fuq dak li jkun ser jiġri fuq dan il-proġett peress li hemm kollox pendenti.

**Bankijiet**

4.17 Il-Kunsillier Chetcuti semma li kienu saru bankijiet minn naħa tal-MTA fuq in-naħa ta' Tas-Sliema u ma sarux fil-Gżira. Huwa semma li għamel tfittxija u appella biex dawn isiru fuq in-naħa tal-Gżira ukoll.

**Fondi tal-UIF**

4.18 Il-Kunsillier Hewitt semma li l-fondi tal-UIF jekk dawn ma jintużawx nistgħu nikkonsidraw li nagħmlu sistema fejn ikun hemm CCTV cameras fil-maġġoranza tat-toroq biex jinqatgħu ċertu abbużi. Kien hemm diskussjoni fuq dan is-suġġett. Ġie konkluż li jkun hemm sejħa għall espressjonijiet t' interess fuq dan ir-rigward.

**5.0 DEVOLUZZJONIJIET**

5.1 Fuq id-devolutions is-Sindku semma li rridu inlestu pjan biex nippreżentawh għad devolutions li tlabna. Huwa semma li rridu nagħmlu l-istimi neċessarji u pjanti tal-Perit li jkunu approvatti wkoll mill-Kunsill Lokali.

5.2 Il-Kunsillier Hewitt semma li rridu niktbulhom biex jekk hemm xi pjanijiet lesti nikkomunikaw mal-awtoritajiet permezz t' email biex ma jkunx hemm xi talbiet oħra għal devoluzzjoni li jistgħu jieħdu post dawk tal-Kunsill.

5.3 Il-Kunsilliera qablu li niktbu lill Michael Farrugia biex ninfurmawh fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill.

5.4 Is-Sindku semma li meta huwa kellem lill Michael Falzon dan kien issuġġerrilu biex inkellmu lill-Prim Ministru dirett.

5.5 Is-Sindku ressaq l-idea li ssir formola fejn jiffirmaw il-Kunsilliera kollha u din tintbagħat mill-ewwel lill-Awtoritajiet biex jaħdmu fuqha. Huwa se jkellem lis-Sur. Fabian Borg sabiex din tkun formolata.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 1 ta' Marzu 2016 fit-7.45 pm. Hemm id-data tal-15 ta' Marzu 2016 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2016.

____________________
Conrad Borg Manché
Sindku

____________________
Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv